MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 43/2010

Mobisle Communications Limited (C 24655)

vs

Angelo Frank Paul Spiteri

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fl-14 ta’ Ottubru 2010, li jaqra hekk :

‘ Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf u tmienja u sebghin Euro u sebgha u sebghin centezmi (€1,078.77), liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku cellulari bil-kont numru 458144 moghti mis-socjeta’ attrici, u dana kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza ;

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas, izda baqa’ inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza ;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.' ;

Ra li l-konvenut debitament innotifikat skond il-ligi bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh fit-termini tal-artikolu 187(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, baqa' ma dahhalx risposta u lanqas ma deher quddiem it-Tribunal biex jikkontesta t-talba attrici ;

Sama' l-provi ;

Ra n-nota tas-16 ta' Dicembru 2010, li permezz taghha s-socjeta' attrici rriduciet l-ammont tat-talba ghal disgha mija u tmienja u disghin Euro u tmienja u sebghin centezmi (€998.78) ;

Fl-udjenza tas-27 ta' Jannar 2011, xehed Emanuel Cini, impjegat mal-kumpannija attrici li esibixxa kopja tas-*subscription order form* li kienet giet mimlija u sottomessa mill-konvenut meta talab u ottjena minghand is-socjeta' attrici s-servizz tat-telefon cellulari bin-numru 79997619. Ikkonferma wkoll il-bilanc fil-kont numru 50916663 li l-konvenut baqghalu pendenti mas-socjeta' attrici fi hlasijiet ta' arretrati fuq dan is-servizz ghall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2009 sa l-1 ta' Jannar 2010, huwa ta' sitt mija u tlieta u tmenin Euro u seba' u sebghin centezmi (€683.77). Is-servizz gie mnehhi fis-17 ta' Novembru 2010, u stante li dan gie mnehhi qabel sentejn minn meta kien gie moghti fil-15 ta' Mejju 2009, hemm hlas ulterjuri ta' tliet mija u hmistax –il Euro (€315) bhala penali kif kien jistipula l-kuntratt li kien iffirma l-konvenut meta applika ghal dan is-servizz. Fl-istess udjenza gew pprezentati kapitoli mis-socjeta' attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut ;

Fl-udjenza tal-11 ta' Jannar 2011, gew miftuha l-kapitoli, u fl-assenza tal-konvenut wara li gie msejjah diversi drabi, il-kapitoli gew miftuha u approvati, u mehuda li gew mistqarra mill-konvenut ;

Ra l-atti kollha tal-kawza, u d-dokumenti esibiti ;

Ikkunsidra :

Fid-dawl tal-provi mressqa, bl-ebda mod ma gew ikkontestati, jirrizulta li fl-14 ta' Mejju 2009, il-konvenut kien talab u gie moghti s-servizz tat-telefon cellulari bin-numru 79997619, liema servizz kien inghatalu l-ghada il-15 ta' Mejju 2009. Is-servizz kien imbaghad gie mnehhi mis-socjeta' attrici fis-17 ta' Novembru 2010, billi l-konvenut kien waqa' lura fil-hlasijiet u halla l-kont pendenti ghal diversi xhur, u l-bilanc fil-kont tal-konvenut bin-numru 50916663 sa meta gie mnehhi s-servizz kien ta' sitt mija u tlieta u tmenin Euro u seba' u sebghin centezmi (€683.77). Inoltre l-konvenut kien intrabat mas-socjeta' attrici meta applika ghal dan is-servizz tal-Blackberry Pearl, li f'kaz li s-servizz jigi terminat qabel ma jghaddu s-sentejn mid-data ta' meta jkun sar il-ftehim, is-socjeta' attrici zammet id-dritt li titlob hlas ulterjuri ta' tliet mija u hmistax –il Euro (€315), somma ekwivalenti ghall-iskont specjali li minnu l-konvenut kien ibbenefika meta nghata s-servizz tal-Balckberry Pearl ;

Dan it-Tribunal fela bir-reqqa l-provi u d-dokumenti kollha b'mod partikolari l-kuntratt tas-servizz u l-*statement* esibiti, u jqis li t-talba tal-attur ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija u tlieta u tmenin Euro u seba' u sebghin centezmi (€683.77). Iqis ukoll gusta l-insistenza tas-socjeta' attrici ghall-hlas ukoll tal-penali ta' tliet mija u hmistax –il Euro (€315). L-artikolu 992(1) tal-Kap.16 jipprovdi li 'il-kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom'. Kif sewwa rriteniet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tal-11 ta' Lulju 1989, fil-kawza fl-ismijiet : **Henry Degabriele noe vs Joseph Pullicino**, il-qofol u l-pedament ta' kull ligi li qatt saret biex tirregola l-konvivenza socjali bbazata fuq l-obbligazzjoni sa mill-bidu – cjoe' r-*rationalis principium* huwa li *pacta sunt servanda* ;

Ghaldaqstant it-talba tal-socjeta' attrici hija gusta u timmerita li tigi milqugha ghall-ammont shih ta' disgha mija u tmienja u disghin Euro u sebgha u sebghin centezmi (€998.77) ghar-ragunijiet hawn fuq spejgati ;

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380 ;

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici, u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ disgha mija u tmienja u disghin Euro u sebgha u sebghin centezmi (€998.77), ammont dovut ghar-ragunijiet spjegati fl-avviz tat-talba, bl-imghax legali b’effett mill-prezentata tal-avviz tat-talba sal-eventwali hlas effettiv, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------